**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 26 ta' Ottubru 2022**

**Rikors nru: 247/2017 AGV;**

**AA**

**v.**

**DA**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-rikors Ġuramentat ta' AA , datat 14 ta' Novembru 2017;**

Tesponi bir-rispett u bil-ġurament tiddikjara:-

1. Illi l-esponenti żżewġet lil DA fit-30 ta' Diċembru 2005 (ara Dok. A) u minn dan iż-żwieġ il-partijeit kellhom tlett (3) itfal minuri, VA li twieled nhar it-tnejn ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (02/01/2006), An. A li twieldet nhar is-sitta u għoxrin ta' Novembru tas-sena elfejn u sitta (26/11/2006), u R A lli twieled nhar is-sitta ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (06/05/2012), li għadhom ilkoll minorenni (ara Dok B sa Dok D);

2. Illi l-ħajja konjugali ta' bejn il-partijiet ma baqgħetx aktar possibli minħabba adulterju u swat, abbuż, vjolenza, eċċessi, minaċċji, sevizzi, theddid u offiżi gravi, fost affarijiet oħra validi fil-Liġi li rrendew il-ħajja konjugali impossibli u li jagħtu lok għas-separazzjoni personali skont il-Liġi, bi ħtija imputabbli unikament lill-konvenut;

3. Illi l-konvenut kellu relazzjoni ma' terza persuna ċertu EM G; u huwa bniedem kontrolluż u vjolenti fiżikament u emozzjonalment fil-konfront tal-esponenti; liema aġir sar fil-presenza tat-tlett ulied minuri tant illi kellha tirrikori għar-refuġju ġewwa xelter diversi drabi;

4. Illi għalhekk il-ħajja konjugali m'għadhiex iktar possibli u dan minħabba nuqqasijiet imputabbli unikament lill-konvenut;

5. Illi għalkemm l-esponenti ppruvat tilħaq ftehiem bonarju, il-konvenut beda juża' l-proċeduri ta' medjazzjoni sabiex ikompli jikkontrolla lill-esponenti; u konsegwentement, hija ġiet kostretta titlob l-għeluq tal-proċedura ta' medjazzjoni permezz ta' rikors ippreżentat fl-atti tal-Ittra ta' Medjazzjoni numru 1259/17 EC. Illi l-esponenti ġiet debitament awtorizzata sabiex tipproċedi f'din l-istanza permezz ta' digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti datat 6 ta' Ottubru 2017 (ara Dok. E);

6. Il-fatti hawn dikjarati tafhom hi personalment;

**Jgħid għalhekk il-konvenut, għalfejn dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:**

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni minħabba raġunijiet gravi u tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut fosthom vjolenza fiżika u psikoloġika; theddid; inġurji gravi; sevizzi; u minaċċji li r-rendew il-ħajja matrimonjali tal-partijiet impossibli tant li l-esponenti kellha titlaq mid-dar matrimonjali u tmur tirrisjedi ġewwa xelter flimkien ma' ulied il-partijiet għas-sigurtà tagħha u tal-istess uliedhom;

2. Tafda l-kura u kustodja esklussiva tat-tlett itfal minuri V, An. u R aħwa A f'idejn l-esponenti; u sabiex tieħu kwalunkwe deċiżjonijiet relatati mas-saħħa u mal-edukazzjoni tal-imsemmija minuri, u dan kif jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;

3. Tordna li l-imsemmija minuri jirrisjedu flimkien mal-esponenti; u dan kif jiġi stabbilit minn din l-Onroabbli Qorti;

4. Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li għandu jiġi pagabbli mill-intimat għaliha u għat-tlett uliedhom minuri V , An. u R aħwa A, u jibqa' hekk pagabbli sakemm l-imsemmija minuri jagħlqu l-età ta' tmintax (18)-il sena jekk jieqfu mill-iskola u jibda jaħdem bi qliegħ jew sa tlieta u għoxrin (23) sena jekk il-minuri jiddeċiedu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time*; kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegħ tal-intimat mill-impjieg jew xogħol jew kwalunkwe benefiċċju li qed jipperċepixxi l-intimat, u jiġu depożitati f'kont bankarju indikat mill-esponenti; u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta'

kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti ż-żieda fl-għoli tal-ħajja;

5. Tordna lill-konvenut sabiex iħallas l-ispejjeż kollha ta' saħħa u edukazzjoni tal-istess minuri sakemm ikunu għadhom qed jistudjaw; inkluż, u mhux limitatament, uniformijiet, *transport, donations,* privatijiet u kwalunkwe spejjeż oħra relatati mal-edukazzjoni, inkluż spejjeż relatati ma' attivitajiet extra-kurrikulari;

6. Tagħti dawk il-provedimenti xierqa u opportuni li jikkonċernaw lill-minuri V, AN. u R aħwa A, fosthom, iżda mhux limitatament, dwar kif għandu jiġi regolat is-safar u l-ħruġ tal-passaport tal-minuri, b'dan illi l-passaporti għandhom jinżammu mill-esponenti; kif ukoll dwar l-attendenza tal-minuri għall-iskola u attivatijiet familjari u edukattivi oħra u extra-kurrikulari, u dan taħt kull provediment xieraq u opportun li jogħġobha tagħti din l-Onorabbli Qorti;

7. Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment mingħand l-esponenti;

8. Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oġġetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jiġu assenjati waħda lill-attur u l-oħra lil-konvenuta, mhux necessarjament b'mod ugwali u dan okkorendo b'opera ta' perit nominandi u billi jiġi nominat nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur biex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;

9. Tiddikjara liema huma l-beni mobbli u immobbli dotali u/jew parafernali tal-attriċi hekk kif jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża filwaqt li tordna u tikkundanna lill-intimat sabiex jirrestitwixxi lill-attriċi tali beni dotali u/jew parafernali tagħha, u dana fi żmien qasir u perentorju, li għandu jiġi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti.

10. Tappunta kuratur sabiex jirrappreżenta lill-intimat fl-eventwali kontumaċja tiegħu fuq l-att ta' diviżjoni relattiva f'jum, ħin u post stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti;

11. Tappunta espert komputista sabiex jirrelata dwar id-djun eżistenti u l-assi eżistenti;

12. Tordna li l-intimat huwa responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ u għalhekk tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali kif maħsuba fl-Artikolu 48 *et. seq.* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tapplika kontrih interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, 51, sa 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

13. Tawtorizza lill-esponenti u l-minuri jgħixu fil-fond '26, il-Meril, Triq il-Menħir, Marsascala', ad esklużjoni tal-konvenut

14. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti;

**Bl-ispejjeż u imgħaxijiet kollha, inkluż l-Ittra ta' Medjazzjoni, kontra l-konvenut li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.**

Rat ir-risposta guramentata ta' DA datata 14 ta' Dicembru 2017;

Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu jiddikjara:

1. Illi a rigward tal-ewwel (1) talba attrici, jigi sottomess illi ghalkemm huwa minnu li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbli u hemm lok ghal separazzjoni personali bejnithom dan pero gara biss minhabba tortijiet u htijiet unikament u esklussivament imputabbli lir-rikorrenti attrici minhabba li ghaliha kien biss zwieg ta konvenjenza, sabiex tkun tista tibqa' tirresjedi gewwa Malta. Inoltre, fost affarijiet ohra, l-istess rikorrenti attrici rrendiet ruhha hatja ta' ingurji, eccessi u sevizzi fil-konfront tal-intimat zewgha, anke permezz ta' rapporti serji, foloz lill-Pulizija Ezekuttiva kontrieh, filwaqt ukoll li jidher car illi hija qatt ma fehmet ir-responsabbilitajiet taghha ta' mara mizzewga fil-konfront ta'zewgha u dan anke fejn jidhol ir-rwol taghha ta' omm u dan kif se jirrizulta ferm ahjar waqt is-smiegh ta din il-kawza; Ghalhekk filwaqt illi l-intimat jaqbel illi l-Onorabbli Qorti ghandha tilqa' parti mill-ewwel talba attrici u dan billi tiddikjara l-firda personali bejn il-konjugi A, tichad il-bqija talba tal-attrici u dan billi tiddikjara illi iz-zwieg tal-kontendenti ma tkissirx tort tal-intimat izda torti r-rikorrenti attrici stess;

2. Illi a rigward tat-tieni talba attrici, ir-rikorrenti intimat ma jaqbilx illi l-kura u l-kustodja tal-minuri uliedhom V, An.u R ahwa A, ghandha tkun fdata esklussivament f'idejn l-attrici u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad din it-talba, minflok ghandha tilqa' t-talba tal-intimat kif dedotta minnu fir-Rikors Guramentat Numru 261/17 fl-ismijiet DA vs AA u b'hekk tordna illi l-kura u l-kustodja taghhom tkun fdata pjenament u

esklussivament f'idejbn l-intimat missirhom, u fin-nuqqas tordna illi l-kura u l-kustodja ta dawn it-tliett minuri ghadha tkun wahda kongunta f'idejn iz-zewg partijitet;

3. Illi a rigward tat-tielet talba attrici, l-intimat jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad din it-talba kif dedotta mill-attrici, u minflok tordna illi l-minuri uliedhom ghandhom jirrisejedu mal-intimat, u dan kif mitlub minnu fir-Rikors Guramentat fl-ismjiet inversi bin-numru 261/17 u fin-nuqqas li tilqa' t-talba tieghu takkordalu access xieraq ghalihom;

4. Illi a rigward ghar-raba' talba attrici, l-intimat jissottometti illli din l-Onorabbli Qorti ghadha tichad it-talba tar-rikorrenti sabiex tordnalu jivversa manteniment versu uliedu, u dan peress fir-Rikors Guramentat intavolat minnu, fl-ismijiet inversi, huwa qed jitlob ordni minn din l-Qorti sabiex il-minuri jirresjedu mieghu. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghal dak appena suespost l-intimat bir-rispett jissottometti illi f'kaz li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax it-talba tieghu sabiex uliedhom jirresjedu mieghu, huwa jitlob lil din L-Onorabbli Qorti jogghobha, tilqa' t-tieni talba attrici u tordnalu jivversa manteniment xieraq versu uliedu, dan stante illi huwa ma ghandu ebda oggezzjoni ghal dan purcha tali manteniment jigi ffissat tenut kont tal-mezzi finanzjarji tieghu, u din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talba attrici li fl-eventwalita illi huwa jigi ordnat ihallas manteniment, dan jinqata direttament minn l-introjtu tieghu;

5. Illi a rigward tal-hames talba attrici, koncernanti l-minuri, b'dan illi tichad it-talba taghha u tordna illi l-ispejjez medici u edukattivi kollha, nkorsi mill-kontendenti a favur tal-minuri uliedhom, jinqasmu b'mod ugwali bejnithom u dan press ili r-rikorrenti attrici tahdem;

6. Illi a rigward tas-sitt talba attrici, l-intimat jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha tilqa' t-talba attrici sa fejn din talbet lil din il-Qorti sabiex taghti dawk il-provvedimenti kollha xierqa l-intimat jitlob lil din illi tichad it-talba taghha sabiex tkun hi li zzomm il-passaport tal-minuri;

7. Illi a rigward tas-seba' talba attrici, l-intimat jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tichad din it-talba, u dan stante illi huwa ma ddekadiex mid-dritt li jitlobha manteniment peri jiddikjara illi qed jirrinunzja gahl tali dritt, stante illi ghandu mpjieg full time fiss;

8. Illi a rigward it-tmien talba attrici, l-intmat jitlob lil dinlOnrabbli Qorti jogghoha tilqa' din it-talba u cioe tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet, pero taqsam l-istess f'zewg porzjonijet mhux ugwali in vista tal-fatt illi z-zwieg tal-kontendenti tkisser tort ta' l-stess attrici;

9. Iili a rigward tad-disa talba attrici, l-intimat jissottometti illi l-attrici ma ghadha ebda beni dotali jew parafernali u ghalhekk huwa ma jistax jkun ordnat jikkonsensja xejn u ergo din l-Onorabbli Qorti ghadha tichad din it-talba

10. Illi a rigward l-ghaxar talba attrici, l-intimat jissottometti li din l-Onorabbli Qorti ghadha tichad din it-talba u dan peress illi ma hemmx il-htiega li jigi appuntat kuratur;

11. Illi a rigward tal-hdax -il talba attrici, l-intimat jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tichad l-istess talba, u dan peress illi ma hemmx in-neccessita illi jitqabbad espert kompustista, stante illi l-assi u djun fil-konunjoni tal-

kontendenti huma limitati u tista faccilment tiddeciedi dwarhom din l-istess Onorabbbli Qorti, fis-sentenza taghha, u dan fuq il-provi migbura fil-mori ta' dawn il-proceduri;

12. Illi a rigward tat-tnax -il talba attrici, l-intimat jirreleva illi huwa mhux hati tat-tkissir taz-zwieg bejn il-partijiet, u allura jsegwi illi ma hemmx lok illi tigi impota fuqu d-dekadenza mill-jeddijiet konjugali, u ghalhekk ebda sanzjonijiet ma hemm x'jigu imposti kontra tieghu, u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghadha tichad din it-talba fl-intier taghha;

13. Illi a rigward tat-tlettax -il talba, l-intimat jirrileva illi in vista tal-fatt illi effettivament u fir-realta' l-fond fl-indirizz 26, "il-Merill" Triq il-Menhir, Marsaskala, mhux il-propjeta tal-kontendenti, kif jidher , izda ta' missier ir-rikorrenti  DA , u cioe' ta' EA, (u dan stante illi l-akkwist tal-fond mill-kontendenti kien biss kaz ta' simulazzjonita' bejgh, fejn allura l-kontendenti partijiet qatt ma akkwitaw din id-dar minghand E A u dan kif sejjer jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni u s-smiegh tal-provi f'din il-kawza) din it-talba wkoll ghadha tigi michuda minn din l-Onorabbli Qorti;

14. Illi a rigward tal-erbatax-il talba attrici, l-intimat jissottometti illi huwa jaqbel illi l-eventwali sentenza tigi registrata fir-Registru Pubbliku ta' Malta u ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tilqa' din it-talba purche' kwalunkwe spejjez relatati mal-istess ikun a karigu tal-istess attrici;

**Salvi , jekk ikun il-kazz, risposti ossia, eccezzjonijiet ulterjuri.**

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li din il-kawza kienet qed tinstema' kontestwalment ma' kawza ohra bejn l-istess partijiet f'ismijiet inversi, Rik. Nru 267/17, u ghalhekk il-provi prodotti huma applikabbli ghaz-zewg kawzi.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Il-partijiet iżżewġu nhar it-30 ta' Diċembru 2005[1], u minn dan iż-żwieġ kellhom tlett ulied minuri; VA li twieled nhar it-2 ta' Jannar 2006, AN. A li twieldet nhar is-26 ta' Novembru 2006, u RA li twieled nhar is-6 ta' Mejju 2012[2].

Illi AA tghid li ż-żwieġ bejn il-partijiet sfaxxa u ma baqax aktar possibbli minħabba adulterju u swat, abbuż, vjolenza, eċċessi, minaċċji, servizzi, theddid u offiżi gravi, fost affarijiet oħra validi fil-Liġi li rrendew il-ħajja konjugali impossibbli u li jagħtu lok għas-separazzjoni personali skont il-Liġi, bi ħtija imputabbli unikament lil zewggha DA. Hi tallega wkoll li r-ragel taghha kellu relazzjonijiet intimi ma' nisa ohra, uhud minnhom anke issemmihom b'isimhom.

Min-naha tieghu, DA jaqbel li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbli u hemm lok ghal separazzjoni personali bejnithom, izda skond hu dan pero' gara biss minhabba tortijiet u htijiet unikament u esklussivament imputabbli lir-rikorrenti attrici, minhabba li ghaliha kien biss zwieg ta' konvenjenza, sabiex tkun tista' tibqa' tirresjedi gewwa Malta. Inoltre, fost affarijiet ohra, hu jghid ukoll li martu rrendiet ruhha hatja ta' ingurji, eccessi u

[1] Ara Dok. A anness mar-Rikors Ġuramentat tal-attriċi fil-Kawża Numru 247/17 AGV
[2] Ara Dok B sa D anness mal-istess Rikors Ġuramentat

sevizzi fil-konfront ta’ zewggha, anke permezz ta’ rapporti serji, foloz lill-Pulizija Ezekuttiva kontrih, filwaqt ukoll li jidher car illi hija qatt ma fehmet ir-responsabbilitajiet taghha ta’ mara mizzewga fil-konfront ta’zewgha u dan anke fejn jidhol ir-rwol taghha ta’ omm.

Illi ghalhekk il-kawza hija wahda imsejsa fuq il-kredibilita’ tal-partijiet u fuq ezami tal-provi prodotti minnhom.

Fir-rikors ġuramentat tagħha,  AA qeghdha titlob sabiex tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali tagħhom minħabba adulterju u vjolenza fiżika u psikoloġika, theddid, inġurji gravi, sevizzi u minaċċi kommessi minn zewggha fil-konfront tagħha, liema aġir irrenda l-ħajja matrimonjali impossibbli. Dwar din l-ewwel talba issir referenza għall-Artikoli 38 u 40 tal-Kodiċi Ċivili li jistipula s-segwenti:

> ***38***. *“Kull parti miżżewġa tista’ titlob il-firda minħabba l- adulterju tal-parti l-oħra.”*
>
> ***40***. *“Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista’ titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment”.*

Il-Qorti f’dan l-istadju sejra tillimita ruhha ghall-analisi tal-provi prodotti dwal l-allegat adulterju ta’ DA. . Fl-affidavit tagħha, AA tirrakkonta ċ-ċirkostanzi diffiċli liwassluha tiġi Malta, u jekk verament ghandha tigi emmnuta, ghaddiet minn esperjenzi tal-wahx. Ir-rakkont fl-affidavit tagħha juri kemm hija għaddiet minn affarijiet, fosthom adulterju da parti tal-intimat.

Tul l-affidavit tagħha, l-attriċi tirrakkonta kemm-il darba hija qabdet lill-intimat f'relazzjoni ma' nisa oħra, anke qabel u fil-bidu taż-żwieġ tagħhom, u ssemihom b'isimhom u anke ipproduciet provi ohra in sostenn ta' dan kollu. Uħud minn dawn l-inċidenti ġew ikkonfermati u rrakontati b'mod konsistenti minnha fil-kontro-eżami tagħha. F'incident minnhom, hi tghid li r-raġuni ghala r-ragel taghha kien keċċiha mid-dar matrimonjali u ħadilha ċ-ċavetta tal-istess dar kienet għax fl-2009 qabditu nofsu għarwin ma' mara ohra fil-kamra tas-sodda tad-dar tagħhom. Apparti dan, hija spjegat li kemm-il darba qabditu ma' persuna ohra, ukoll saħansitra ġol-*carvan*, li anke t-tfal stess rawh.

Hi kkonfermat taħt ġurament quddiem din il-Qorti dwar kif skopriet tramite t-tfal stess li r-ragel kien qed jikkomunika ma' mara ta' nazzjonalita' Marokkina, u di fatti kienet esebiet ritratt flimkien ma' rikors.

Fil-mori tal-kawza irrisulta wkoll li  DA  naqas milli jidher ghal seduta u minnflok ipprefera jmur ġewwa l-Marokk biex jipprova jġib lil din is-sieħba gdida tiegħu. Agħar minn hekk,  AA  tghid ukoll li huwa kompla jagħmel ħsara kbira lill-uliedu stess billi informha lit-tifla minuri bl-intenzjonijiet tiegħu li jġib lil din il-mara u jkeċċi lill-ommhom il-barra mid-dar. Dawn l-allegazzjonijiet taghha gew ikkorroborati minn diversi xhieda li gew prodotti minnha stess.

Bhal hafna kazijiet ohra li din il-Qorti rat, AA tghid li kienet kull darba tiġi konvinta u manipulata minn  DA li huwa se jinbidel għall-aħjar u mhux se jibqa' jkollu relazzjonijiet ma' nisa oħra. Hija kienet dejjem tittama li se jirranġa u għalhekk kienet terġa' lura biex tgħaqqad lill-familja ukoll.

Fil-kontro-eżami tiegħu, huwa jiċħad li kien f'relazzjoni ma' nisa oħra tul iż-żwieġ tagħhom. Madankollu, fl-istess kontro-ezami jammetti li dakinhar kienet sabitu nofsu għarwien. Hu jipprova jaghti raguni u spjegazzjoni illi assolutament ma tikkonvinci xejn lil din il-Qorti. Jekk xejn, huwa rifless ta' kif Agius ihares lejn is-sess femminili, jigifieri li n-nisa qeghdin hemm ghall-uzu personali tal-irgiel. Fir-risposti tieghu hu ipprova jittanta jgħid li din kienet sempliċiment ħabiba t'oħtu, filwaqt li r-raġuni li l-mara Marrokina kien ġennen lit-tfal dwara, jgħidilhom li ħa jkeċċiha mid-dar biex iġib lilha, u għamel ritratt tagħha biex jġiegħel lill-mara tgħir, u li kumbinazzjoni mar l-Marokk ħabba missieru. Fil-fehma tal-Qorti, hemm bahar jaqsam bejn il-kredibilita' ta' AA u dik ta' DA . Ghalhekk il-verzjoni tieghu qed tiġi skartata.

Ezaminati dawn il-provi, il-Qorti hija ben konvinta li AA irnexxilha tipprova, zgur sal-grad tal-probabbli, li r-ragel taghha ikkommetta adulterju tul iż-żwieġ tagħhom, u għalkemm ħafritlu diversi drabi, huwa xorta waħda baqa' jfittex nisa oħra, sa anke waqt dawn il-proċeduri stess inqabad f'relazzjoni ma' mara Marokkina.

Għaldaqstant, il-Qorti tikkonkludi li DA għandu jinstab ħati ta' adulterju ai termini tal-Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili.

AA tilmenta wkoll minn abbuz fiziku u emozzjonali mr-ragel taghha, u tghid li D A kien sistematikament juza imbieba vjolenti fuqha. Minn ftit snin ilu 'l hawn, it-tifsira ta' vjolenza twessghet sabiex tinkorpora imgieba ta' zbilanc f' relazzjoni. Il-liġi tagħna tirrikonoxxi l-abbuż fiżiku, verbali u psikoloġiku, sesswali u ekonomiku bħala evidenza ta' vjolenza domestika kif definita taħt l-Kap. 581 tal-Liġijiet ta' Malta:

*'"vjolenza domestika" tfisser kull att jew ommissjoni li tinvolvi l-użu ta' vjolenza verbali, fiżika, sesswali, psikoloġika jew ekonomika li tirriżulta fi ħsara jew tbatija fiżika u, jew morali, inkluż it-theddid ta' dak l-att jew ommissjoni, sfurzar, jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, li sseħħ fi ħdan familja jew unità domestika, kemm jekk l-awtur tar-reat jgħix jew kien jgħix fl-istess residenza mal-vittma jew le, u għandha tinkludi wkoll tfal li jkunu xhud ta' vjolenza fi ħdan il-familja jew unità domestika'*[3]

AA issostni illi bil-provi prodotti fil-kawża odjerna, hija rnexxielha tipprova sal-grad ta' probabilità li l-intimat kien aggressiv u abbużiv fiżikament, psikoloġikament, sesswalment u anke finanzjarjament fil-konfront tagħha, u taghmel referenza għal bosta ezempji u incidenti li kienu jinqalghu ta' spiss bejn il-partijiet.

Ghalkemm il-liġi tagħna ma tipprovdix speċifikament definizzjoni ta' **abbuż fiżiku**, madankollu l-*Explanatory Report* tal-Konvenzjoni tal-Istanbul[4], liema Konvenzjoni tifforma parti integrali fil-liġijiet tagħna taħt l-Iskeda tal-Kap. 581 tal-Liġijiet ta' Malta, tispjega xi tfisser t-terminu 'abbuż fiżiku':

*"The term "physical violence" refers to a bodily harm suffered as a result of the application of immediate and unlawful physical force. It encompasses also violence resulting in the death of the victim."*[5]

[3] Ara Artikolu 2
[4] Ara *Explanatory Report to the Council of Europe Convention on preventing and combating violence against women and domestic violence* (*Istanbul, 11.V.2011*); https://rm.coe.int/1680a48903
[5] Artikolu 35 tal-istess *Explanatory Report*

Fl-affidavit tagħha, AA tispjega fid-dettal il-varji episodji li fihom ir-ragel taghha kien fiżikament abbużiv fil-konfront tagħha, li wassalha sabiex titlob l-assistenza medika, kif ukoll tal-Pulizija, tal-ħaddiema soċjali u anke tax-xelter. Uħud minn dawn l-inċidenti ġew ikkorroborati minn xiehda tal-professjonisti li kienu qed isegwuha, kemm il-haddiema socjali tal-Agenzija Appogg kif ukoll ir-rappreżentant tax-xelter Dar Merħba Bik li spjegaw fid-dettal x' kienet qaltilhom, il-biżghat tagħha, u x'wasslitha li tirrikorri għas-servizz u l-għajnuna tagħhom.

Fl-affidavit tagħha, hi tirrakkonta diversi episodji li fihom DA sawwatha u weġġagħha fiżikament. Il-Qorti mhix sejra tirriproduci dawn l-incidenti, izda tghid biss li l-provi prodotti minn AA f'dan il-kuntest huma kollha verosimili u kredibbli, u l-Qorti ma tara ebda raguni ghalfejn m'ghandhiex tqis il-verzjoni tal-fatti kif esposti minnha bhala l-verita' ippruvata.

Kemm l-istess DA kif ukoll missieru, E A , fil-kontro eżami tagħhom ikkonfermaw li D u ħutu użaw il-forza sabiex jaħtfu lill-minuri mix-xelter li spiċċaw weġġghu lill-ħaddiema tax-xelter. Dan għamluh mingħajr ebda konsiderazzjoni għal ħsara u t-trawma li għaddew minnhom lill-minuri. Anzi, minnflok iwaħħlu fil-ħaddiema tax-xelter, li ħallew jgħixu f'post li kien qed joffri sapport u għajnuna lill-uliedhom.

Il-liġi tagħna ma tipprovdix speċifikament definizzjoni ta' **abbuż psikoloġiku u verbali** pero l-*Explanotary Report* tal-Konvenzjoni tal-Istanbul[6], liema Konvenzjoni tifforma parti integrali dil-liġijiet tagħna taħt l-

[6] Ara *Explanatory Report to the Council of Europe Convention on preventing and combating violence against women and domestic violence* (*Istanbul, 11.V.2011*).

Iskeda tal-Kap. 581 tal-Liġijiet ta' Malta, tispjega xi tfisser t-terminu 'abbuż psikoloġiku':

*"The extent of the offence is limited to intentional conduct which seriously impairs and damages a person's psychological integrity which can be done by various means and methods. The Convention does not define what is meant by serious impairment. Use must be made of coercion or threats for behaviour to come under this provision.*

*This provision refers to a course of conduct rather than a single event. It is intended to capture the criminal nature of an abusive pattern of behaviour occurring over time – within or outside the family. Psychological violence often precedes or accompanies physical and sexual violence in intimate relationships (domestic violence)..."*

AA tikkontendi li fl-affidavit tagħha hija tirrakkonta l-mod kif huwa kien jittratta u li jirreferi għaliha qisha oġġett tiegħu. Il-Qorti taqbel perfettament ma' dan is-sentiment taghha. M'hemmx ghalfejn wiehed ikun espert fil-psikologija biex jinduna li DA kien jittrattaha ta' oggett ghall-uzu personali u ghall-gost u pjacir tieghu, u meta hi ma toqghodx ghal li jghid hu, jarmiha 'l hemm u jsib mara ohra. Huwa kemm-il darba heddidha b'ħajjitha u kien hemm istanzi li kienu eccessivi ferm, xi drabi anke b'użu ta' oġġetti bħal ċintorin[7] u sikkina[8]. Hu kien jiġi l-aktar aggressiv meta hija kienet tikkonfrontah bir-relazzjonijiet li kien qed ikollu ma' nisa oħra waqt iż-żwieġ, jew meta kienet tirrifjuta li jkollha x'taqsam miegħu, jew meta kienet titilqu u kienet tirrifjuta li tirranġa miegħu.

---

[7] "Meta ppruvajt inkelmu u nsaqsih ala ried li nirranġaw flimkien u nerġgħu noqgħodu flimkien, huwa dahar fuqi qalli bħal ma ġibtek hawn nerġa' noħorġok. Dak il-ħin qabad ċintorin, dawru m'għonqi u kaxkarni l-kurutur kollu sa barra." (a Fol 30)

[8] *"Darba oħra, ftit wara dan l-inċident, kelna argument fil-kamra tas-sodda u Duncan kien mar ġab sikkina mill-kbar, tal-laħam, mill-kċina; tefani fuq is-sodda u għamel is-sikkina m'għonqi. Huwa kien qalli "int il-mara tiegħi, inti tagħmel li ngħid jien u jekk ma joġgħbokx itlaq". Jien dak il-ħin ksaħt u bżajt, u m'għedt xejn."* (a Fol 28)

Infatti, A  tant kienet tiġi faċilment manipulata psikoloġikament, xi drabi b'użu ta' theddid li joqtol lilhom it-tnejn billi jsuq għal isfel mill-irdum, jew li ma tarax aktar lit-tfal jew li jibghatha lura r-Russja, li kienet kull darba taħfirlu r-rapporti kriminali li tkun għamlet fil-konfront tiegħu. Għalkemm hija fil-kontro-eżami tagħha tgħid li kienet taħfirlu jew tittama li se jirranġa, wieħed irid jifhem minn xiex kien qed jgħaddiha l-intimat u l-familjari tiegħu f'dak il-perjodu – l-intimat u l-ġenituri tiegħu jimmanipulaw lit-tfal kontra tagħha u jikkontrollaw kif u meta tarahom. Hi kellha tissokkombi ghal theddid kontinwu, u kien anke jaħtfilha lill-minuri mill-kura tagħha u jisforza ruħu fuqha sesswalment. Xejn pjacevoli assolutament.

Kif irrisulta ampjament mill-provi, AA ma kienitx qed tiġi mkissra psikoloġikament minn  DA  biss, izda anke mill-familjari tiegħu, l-iktar missieru E A. Fis-sottomissjonijiet taghha tghid li d-dinamika tal-każ huwa pjuttost partikolari meta wieħed iqis il-fatt li EA kien il-'pimp' tal-attriċi qabel ma' bdiet relazzjoni ma' D, u li hija ltaqet mieghu fiz-żmien li kienet qed tiġi pprostitwita u mħallsa minn missieru. Il-Qorti ghandha tirrileva f'dan l-istadju li  AA irnexxielha toħroġ miċ-ċirku tal-prostituzzjoni semplicement ghax kien talabha taghmel hekk D stess, u deċiżjoni ta' missieru l-intimat li ordnalha li hi tista' tkun f'relazzjoni ma' ibnu jekk tieqaf mill-prostituzzjoni. Huwa important ukoll ghall-kwadru shih tal-kaz in esami li din id-dinamika trid tiġi kkunsidrata wkoll sabiex wieħed ikun jista' jifhem il-poter li huma kellhom fuqha u kif kienu jikkunsidrawha u jarawha. Bizzejjed issir riferenza ghall-kontro-eżami ta' missier D ,  EA. Kull kumment ulterjuri huwa superfluwu.

Id-definizzjoni ta' **abbuż sesswali u stuprar** jinstabu fil-Kodiċi Kriminali taħt l-Artikolu 198 *et seq*, izda l-*Explanatory Report* tal-Konvenzjoni tal-

Istanbul, jispjega ukoll meta u għalxiex jintuża dan l-abbuż mill-persuna li jikkomettihom:

*"Psychological violence often precedes or accompanies physical and sexual violence in intimate relationships (domestic violence)."*[9]

*This article ... covers all forms of sexual acts which are performed on another person without her or his freely given consent and which are carried out intentionally."*[10]

*"Sexual violence and rape are a <u>common form of exerting power and control</u> in abusive relationships and are likely to occur during and after break-up..."*[11]

Fil-fehma tal-Qorti, AA irnexxielha tressaq provi cari u univoci meta tirrakkonta fl-affidavit tagħha kif l-intimat kien jabbuża sesswalment u jisforzu ruħu fuqha kontra l-volontà tagħha. Ghalhekk, ghall-Qorti, dan il-kap gie ippruvat ukoll.

Fis-sottomissjonijiet taghha, AA targumenta wkoll illi l-aħħar forma ta' abbuż li għaddiet minnu kien '**abbuż ekonomiku**'. Fil-liġi tagħna dan it-terminu lanqas ma għandna definizzjoni, pero' skond l-imsemmi Explanatory Report dan huwa "*the notion of "economic harm" which can be related to psychological violence*." Il-Qorti tirrimarka f'dan ir-rigward li f'hafna kazijiet li jigu quddiemha, hemm disparita' evidenti bejn ir-ragel u l-mara, meta jkun ir-ragel li 'jikkmanda' l-finanzi u l-mara tiddependi fuq il-burdata tajba o meno ghall-ghixien ta' kuljum. Sfortunatament, dan ghadu element prevalenti

[9] Para. 181 tar-Rapport
[10] Para. 189 tar-Rapport
[11] Para. 194 tar-Rapport

hafna f'Malta. Fejn hemm rispett reciproku u komunikazzjoni bejn il-koppja, ma hemm xejn hazin b'daqshekk, izda fejn parti tesercita kontroll assolut fuq l-infiq tal-parti l-ohra, l-affarjiet jistghu jmorru ghall-aghar fi zmien qasir hafna.

AA tirrakkonta kif Duncan u missieru kienu jikkontrollaw kemm kienet tieħu flus għall-ħajja, u EA kien anke jinsisti li affarijiet tat-tfal iħallsuhom huma. Hi tgħid ukoll li Duncan qatt ma refa' r-responsabilità ta' missier u ħa ħsieb li huma, bħala familja, iħallsu għall-bżonnijiet tal-minuri mingħajr il-bżonn u l-kontroll tal-ġenituri tiegħu. Izda hu kien kull darba jinjoraha, u jibghatha għand missieru biex jaghtiha l-flus.

Fil-kontro eżami tiegħu, DA jghid li kellu mandat ta' sekwestru f'ismu, u għalhekk kien kull darba 'jibghatha' għand missieru. Ghandu jigi rilevat, izda, kif fil-fatt gie ippruvat, li kien proprju minħabba dejn li għamel hu li AA spiċċat b'mandat ta' sekwestru ukoll, li b'konsegwenza ta' dan ma setghetx tiġi impjegata u titħallas fil-kont bankarju tagħha. B'hekk reġgħet spiċċat finanzjarment kostretta li lanqas tista' toħroġ taħdem.

Kien hemm ukoll sitwazzjoni fil-mori tal-kawza fejn DA beda jirrifjuta milli jgħati manteniment kif ordnat minn din il-Qorti diversament presjeduta. Irrisulta li kien għamel madwar sena ma jagħtiha manteniment sabiex tipprovdi għall-minuri, u fil-fatt kien instab ħati mill-Qorti tal-Appelli Kriminali li huwa naqas milli jagħtiha manteniment għal sena sħiħa. Dan ukoll huwa forma ta' abbuż finanzjarju fil-konfront ta' AA.

Id-dokumentazzjoni u r-rapporti ppreżentati mir-rappreżentant tal-Pulizija li gew esebiti minnha bhala provi, kif ukoll il-fedina penali ta' DA ukoll jikkonfermaw li kien abbużiv psikoloġikament u fiżikament. Il-professjonisti

li kienu qed isegwu lil A A , bħal ħaddiema soċjali tal-Aġenzija Appoġġ u tax-xelter, ukoll ikkonfermaw li hi kienet soġġetta għall-abbuż kwazi kontinwu da parti tieghu.

L-inċidenti li ġew ikkonfermati b'mod konsistenti minnha, kemm fl-affidavit tagħha, fil-kontro-eżami tagħha u fil-verżjoni li hija tat lill-Pulizija u lill-ħaddiema soċjali, jikkonfermaw kemm hija kredibbli fil-verzjoni taghha dwar dak li għaddiet minnu tul iż-żwieġ tagħha ma' DA . Min-naħa l-oħra, Il-Qorti ma tara ebda kredibilita' fil-verzjoni li jaghti l-istess DA jew fl-ispjegazzjonijiet illi jaghti ghall-ghemil u l-agir tieghu. L-ebda raguni ma tista' qatt tiggustifika dak li kellha tissokkombi u toqghod ghalih AA sistematikament, sena wara sena.

Inoltre, hi stqarret fl-affidavit tagħha - u anke l-ħaddiema soċjali tax-xelter ikkonfermaw - li t-tlett ulied minuri kienu preżenti għall-abbuż da parti tal-intimat u l-familjari tiegħu, b'mod partikolari l-inċident li seħħ ġewwa x-xelter fejn l-intimat weġġa lill-ħaddiema tax-xelter. Kif rikkonoxut mil-liġi tagħna taħt il-Kap. 581 tal-Liġijiet ta' Malta, il-minuri għandhom jiġu protetti minn kwalunkwe abbuż minħabba l-effett trawmatiku li jħalli fuqhom. Dan ġie anke rrimarkat fl-Explonatory Report tal-Istanbul Convention ukoll li jgħid:

> *"Exposure to physical, sexual or psychological violence and abuse between parents or other family members has a* ***severe impact on***

***children*[12]*. It breeds fear, causes trauma and adversely affects their development."*[13]

Għalhekk, mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti, ġie ppruvat illi hija u uliedha huma vittmi ta' vjolenza domestika kif definita fil-liġi tagħna; u li DA għandu għalhekk jinstab ħati tat-tifrik taż-żwieġ, kif anke ammess minnu stess fir-risposta ġuramentata tiegħu u fix-xhieda tiegħu mogħtija quddiem din il-Qorti.

In tema ta' sevizzi, eċċessi u inġurji gravi, huwa ben risaput illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx il-ħtieġa illi jiġu pruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minhom[14]. Fil-kawza in esami, m'hemmx dubju li dan gie ippruvat fil-konfront ta' DA , u ghalhekk il-Qorti qed tettribwixxi lilu r-raguni ghat-tifrik taz-zwieg.

## Manteniment

Il-Qorti sejra tordna li l-kura w kustodja tal-minuri tigi fdata f'idejn l-omm. Ghalhekk il-missier ghandu jhallas mitejn Ewro fix-xahar ghal kull wild (€200). Dan il-hlas ghandu jinqata' direttament mill-paga tal-missier, u jidhol f'kont bankarju tal-omm. Inoltre, il-missier kien intrabat ukoll li hu jibqa'

---

[12] *"144. For this reason, Article 26 sets out the obligation to ensure that, when providing services and assistance to victims with children who have witnessed violence, the latter's rights and needs are taken into account. The term "child witnesses" refers <u>not only to children who are present during the violence and actively witness it, but to those who are exposed to screams and other sounds of violence while hiding close by or who are exposed to the long-term consequences of such violence</u>. It is important to recognise and address the victimisation of children as witnesses of all forms of violence covered by the scope of this Convention and their right to support. Paragraph 2 therefore calls for age and developmentally appropriate best evidence-based psychosocial interventions that are specifically tailored to children to cope with their traumatic experiences where necessary. All services offered must give due regard to the best interests of the child." (Explanatory Report, Istanbul Convention)*

[13] Ara paragrafu 143 tal-istess Rapport (Artiklu 26)

[14] Elisa Thompson vs Edward Thompson deċiża mill- Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Mejju 1925

jhallas l-ispejjez kollha ta' sahha w edukazzjoni ghat-tfal. Fl-eventwalita' li xi had mit-tfal jmur jghix mal-missier, ghandu jibqa' jsir il-hlas ghat-tfal li jibqghu jghixu mal-omm, minghajr ma jkun hemm mmanteniment dovut mill-omm ghal dak il-wild.

**Kura w Kustodja**

Kwantu ghall-kura w kustodja tat-tlitt minuri, u r-residenza taghhom, din ghandha tkun fdata f'idejn AA b'mod esklussiv. Hi wriet li kienet kapaci teghleb l-ostakoli kollha li ntefghulha quddiema, u mhux biss irnexxielha teghlibhom, izda irnexxielha wkoll tibni hajja ghalija u ghat-tfal, minkejja li, ta' eta' tenera, sabet ruhha f'pajjiz aljen ghaliha minghajr ma tista' ddur fuq xi hadd mill-familjari taghha. Huwa fl-interess suprem tal-minuri illi t-tfal jinghataw stabilita' fil-hajja taghhom, u hija l-omm biss li tista' taghti dawn il-garanziji ghall-Qorti.

Kwantu ghar-residenza primarja tal-istess minuri, din ukoll qed tinghata lil AA, ghall-istess ragunijiet.

Bl-istess mod, l-aċċess għat-tlett ulied minuri għandu jibqa' fis-seħħ kif inhu preżentement, u ċjoé il-minuri Vu An. jagħżlu huma ma' min u kif jixtiequ jeżerċitaw l-aċċess, tenut kont l-eta' taghhom, filwaqt li t-tifel R jirrisjedi mal-omm b'aċċess favur il-missier kull ġimgħatejn mill-Ġimgħa wara l-iskola sal-Ħadd sas-6:00pm. Dan l-aċċess u l-ambjent tad-dar tal-missier għandu jkun taħt moniteraġġ tad-Diretoratt tal-Ħarsien tat-Tfal.

**Likwidazzjoni tal-Komunjoni**

Il-komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti fid-dar matrimonjali, l-ghamara fl-istess dar, kontijiet bankarji, u vetturi, dghajsa u caravan. Bhala passiv, hemm is-self fuq l-istess dar matrimonjali, u xi djun li DA kien akkumula. Il-Qorti hi tal-fehma li, tenut kont li DA huwa responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg, AA ghandha tigi assenjata d-dar matrimonjali, anke jekk hemm kawza pendent

quddiem il-Qorti tal-Appell dwar it-titolu tal-istess dar. Hi lesta wkoll tassumi l-obbligu tal-hlas lura tas-self fuq l-istess dar, u l-minuri ghandhom bzonn ta' stabbilita' fil-hajja taghhom. Ghalhekk, id-dar qed tigi assenjata lilha, flimkien mal-ghamara kollha illi fiha. Dan ghandu jservi bhala sehemha mill-kumplament tal-komunjoni, u ghandu jinkludi ukoll hlas ta' manteniment ghaliha kapitalizzat fil-valur ta' l-istess proprjeta'.

Il-vetturi, il-caravan, u d-dghajsa jistghu jigu assenjati lil DA.

Kwalsijasi djun ohra tal-komunjoni li ghad hemm, ghandhom jigu assunti ukoll minn DA .

Il-kontijiet bankarji ghandhom jibqghu skond lil min mill-partijiet huma intestati.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tilqa' t-talbiet ta' AA;

Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni minħabba raġunijiet gravi u tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut fosthom vjolenza fiżika u psikoloġika; theddid; inġurji gravi; sevizzi; u minaċċji li r-rendew il-ħajja matrimonjali tal-partijiet impossibli tant li l-esponenti kellha titlaq mid-dar matrimonjali u tmur tirrisjedi ġewwa xelter flimkien ma' ulied il-partijiet għas-sigurtà tagħha u tal-istess uliedhom;

Tafda l-kura u kustodja esklussiva tat-tlett itfal minuri V , An. u R aħwa A, f'idejn l-omm, u sabiex tieħu kwalunkwe deċiżjonijiet relatati mas-saħħa u mal-edukazzjoni tal-imsemmija minuri.

Tordna li l-imsemmija minuri jirrisjedu flimkien mal-omm.

Tiffissa u tillikwida ammont ta' manteniment fis-somma ta' mitejn Ewro (€200) fix-xahar għat-tlett uliedhom minuri V , An.  u R  aħwa A , u jibqa' hekk pagabbli sakemm l-imsemmija minuri jagħlqu l-età ta' tmintax (18)-il sena jekk jieqfu mill-iskola u jibda jaħdem bi qliegħ jew sa tlieta u għoxrin (23) sena jekk il-minuri jiddeċiedu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time*; kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegħ tal-konvenut mill-impjieg jew xogħol jew kwalunkwe benefiċċju li qed jipperċepixxi, u jiġu depożitati f'kont bankarju indikat mill-omm.

Tordna lill-konvenut sabiex iħallas l-ispejjeż kollha ta' saħħa u edukazzjoni tal-istess minuri sakemm ikunu għadhom qed jistudjaw; inkluż, u mhux limitatament, uniformijiet, *transport*, *donations*, privatijiet u kwalunkwe spejjeż oħra relatati mal-edukazzjoni, inkluż spejjeż relatati ma' attivitajiet extra-kurrikulari.

Tawtorizza lill-omm tapplika wehidha ghall-hrug ta' dokumenti mal-awtoritajiet governattivi, inkluz izda mhux limitat, ghall-karta tal-identita' u passaport taghhom, minghajr il-htiega ta' firma jew ta' kunsens tal-missier, kif ukoll li tapplika wehidha ghall-bzonnijiet ta' sahha u ta' edukazzjoni, ukoll minghajr il-htiega ta firma jew kunsens tal-missier, b'dan illi l-passaporti għandhom jinżammu mill-omm.

Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment mingħand l-esponenti.

Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, u tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oġġetti

formanti l-komunjoni tal-akkwisti jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet komposti kif deskritt fis-sentenza, u ghalhekk tinnomina lin-Nutar Elena Farrugia sabiex tirċievi l-att relattiv, u kuraturi biex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tad-disa' talba, peress illi ma rrisultax liema huma l-beni mobbli u immobbli dotali u/jew parafernali tal-attriċi.

Tappunta kuratur sabiex jirrappreżenta lill-intimat fl-eventwali kontumaċja tiegħu fuq l-att ta' diviżjoni relattiva f'jum, ħin u post stabbilit, hekk kif gia pprovdut aktar qabel.

Tichad il-hdax-il talba.

Tordna li l-konvenut huwa responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ u għalhekk tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali kif maħsuba fl-Artikolu 48 *et. seq.* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tapplika kontrih interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, 51, sa 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tawtorizza lill-esponenti u l-minuri jgħixu fil-fond '26, il-Merill', Triq il-Menħir, Marsascala, ad esklużjoni tal-konvenut

Tawtorizza lill-attrici sabiex tirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza mogħtija minn din il-Qorti.

**L-ispejjez ghandhom kollha jigu sopportati mill-konvenut.**

**Imhallef**

**Onor Anthony G Vella** **Cettina Gauci- Dep Reg**